*Haġa li laqtitna kemm-il darba u ta' min igħożżha, hija dik il-kollezzjoni qadima u ġdida ta' kwadri li jżejnu l-ħitan ta' ġewwa l-Università bix-xbieha ta' nies għorrief li f'xi żmien jew ieħor kellhom x'jaqsmu ma' dak il-Palazz tal-Għerf; fost dawn it-tifkiriet jinsabu wkoll xi busti, li tqiegħdu f'kamra għalihom, jiġifieri f'daqsxejn ta' mużew ċkejken. Iżda ma' dawn il-busti xtaqna wkoll li jidher xi wieħed jew tnejn li f'xi żmien (iktarx fi żmien il-gwerra) kienu ndifnu f'xi rokna jekk mhux ukoll f'xi sotterran, u li għadhom ma tawhomx il-post li jixirqilhom.*

*Kien hemm il-ħsieb illi meta l-bini ta' l-Università jitgħaqqad ma' dak li kien użat bħala Liċeo, u l-lum użat bħala Skola Sekondarja tal-Bniet, jinħatru xi swali minn dan il-bini li jkunu jservu bħala mużew, fejn mal-busti li hemm diġà jiżdiedu oħrajn ġodda ta' nies li f'ħajjithom issemmew fil-karriera professjonali, xjentifika jew letterarja tagħhom. Jalla dan il-ħsieb iseħħ u b'hekk jimtela vojt li jpatti għan-nuqqas ta' dawn it-tifkirijiet nazzjonali.*

## AVANTE!

*Ta'* WALLACE PH. GULIA

La tħarisx lura. Aħseb biss f'li ġej;
dak li kien kien u qatt ma jerġa' jiġi.
"Li kieku" qatt ma seħħ —
minn t'issa biss li ġej joħroġ u jsir.

La taqtax qalbek; là tibżax; ittama;
jekk ma tiqafx lir-riħ jaqsmek u jfarrkek;
il-mewġ jibilgħek jekk ma taħkmux taħtek;
il-ħajja tagħmlek tlief.

Tlift il-lum?
tgħallimt u tirbaħ għada.
Titlef għada? Jasallek pitgħada,
u wara pitpitgħada hemm il-ġimgħa,
ix-xhur u s-snin li għad iż-żmien iwelled.

Fis-sema l-kwiekeb jiddu fuq iċ-ċpar tax-xitwa.



# Mill-Qamħa għall-Ħobża

*(Jaqbad man-nru. ta' Marzu, 1958, faċċ. 27)*

*Ta'* PATRI GIUSEPPE MEILAK, S.J.

### 3. IL-WIĊĊ

WARA erbgħa jew ħamest ijiem, il-qamħ, jekk isib l-art miblula sewwa, jew kif igħidu, isib it-tira x'jarda', u x-xemx issaħħnu, iġelben, u jibda tiela' tajjeb. Il-bidwi tarah imur fil-għalqa tiegħu biex jara l-wiċċ kif inhu sejjer.

Tara nhar ta' Ħadd filgħodu ħafna bdiewa, wara li jkunu semgħu l-quddiesa tat-tmienja u nofs, imorrulek il-kampanja, iduru minn triq għall-oħra biex jaraw l-għelieqi, u jekk l-annata hix tajba, ħalli jkollhom fuqiex jitkellmu ġewwa l-ħanut wara ta' l-Imwiet.

Ma' Frar il-wiċċ ikun kiber u sar ġmielu.

Kemm hu sabiħ dak il-ħaxix (1) tal-qamħ, li max-xahar ta' Marzu x-xitla tiegħu għoliet dawk iż-żewġ piedi, jew ukoll tnejn u nofs, tarah b'dawk il-werqat tawwalin milwijin waħda għal fuq l-oħra, u 'l hawn u 'l hinn dak l-aħdar tal-għalqa miksur bil-ħabb il-qamħ u bil-peprin!

U l-Ingliża? Din l-imbierka xitla, minn mindu daħħluha fi Gżiritna, żegħdet mar-raba' kollu. Il-bidwi, fejn jista', mingħajr ma jgħaffeġ ix-xitel tal-qamħ, jaqlagħha bil-għeruq b'kollox u, jew jarmiha barra mill-għalqa, jew inkella jekk għandu frat u għanem jagħtihielhom jiekluha. Mhux għax kieku n-nwar tagħha mhux sabiħ!... imma!

Ma' nofs Marzu x-xitel tal-qamħ jibda jsebbel, u sal-Lunzjata (25 ta' Marzu) is-sbula ħadet il-kobor tagħha u tibda tonfoħ, għax timla kull kmajra bil-ħaliba. Dik il-ħaliba, bil-ftit il-ftit, taħt is-sħana tax-xemx tar-Rebbiegħa, u b'dak ir-riħ, la qawwi u lanqas mejjet, li jxengel is-sbul, tagħqad u ssir qamħa.

Ma' Ġunju l-ħaxix tal-qamħ nixef kollu, u issa l-bidwi ma jsejjaħlux aktar ħaxix, imma żara'.

'L hawn u 'l hinn xi sbula, minflok ma trabbi l-qamħ, tagħmillek frak iswed kollha kemm hi, għax mardet: sbula minn